MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-22 ta' April, 2003

Talba Numru. 2994/2002

**M. Demajo (Wines & Spirits) Limited**

**Vs**

**Charles Lebrun kif ezercenti l-kummerc f'isem Cheers Wines & Spirits**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hames mija u sebgha u tletin lira Maltija u tmienja u disghajn centezmu (Lm537.98) prezz ghall-bejgh u konsenja ta' xorb.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha lill-avukat Vanessa Borg in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra r-rendikonti li gew pprezentatai mis-socjeta attrici.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' hames mija u sebgha u tletin lira Maltija u tmienja u disghajn centezmu (Lm537.98), bl-imghax skond il-ligi.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------